MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 255/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Spiru Muscat**

Il-Qorti:

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Spiru Muscat talli fit-18 ta' Jannar 2011 ghall-habta ta' 22:00 hrs f'Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq:

(1) saq il-vettura numru JAN-483 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata);

(2) ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Spiru Muscat jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65, ir-Regolament 13(1) tal-A.L. 198/2009 u l-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ta' l-imsemmi Spiru Muscat, sabitu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u kkundannatu multa ta' mija u sbatax-il euro (€117) dwar l-ewwel imputazzjoni filwaqt illi dwar it-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannatu ghall-piena ta' tliet xhur prigunerija liema sentenza ma tibdiex issehh hlief jekk matul il-perijodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza appellata l-hati jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija. Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-istess Spiru Muscat milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza appellata. Dik il-Qorti tat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Spiru Muscatipprezentat fit-3 ta' Gunju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja, thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt li tikkonferma l-htija tieghu, taghti piena li hija aktar ekwa u xierqa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** Dan huwa appell mill-piena. L-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti applikat is-sanzjonijiet shah tal-ligi minghajr ma tat kaz l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt li jahdem bhala *driver*. L-appellant jghid illi dawn huma zewg aspetti li huma ta' importanza kbira. Ammissjoni bikrija tigi interpretata favur l-imputat izda f'dan il-kaz u kazijiet simili, il-Qrati taghna hassew li ghandhom idejhom marbutin u ma jistghux jinzlu mill-pieni stabbiliti mil-ligi. L-appellant

isostni li din l-interpretazzjoni ghandha tigi ri-evalwata. Huwa jirritjeni wkoll li l-fatt li persuna taghmel zball, m’ghandux iwassal sabiex jigi msallab b’tali mod li jispicca jitlef hobzu. L-appellant jghid li wehel il-multi li kellu jehel u wehel ukoll li ser jitlef ix-xoghol tieghu, li jfisser li ser ikun qed jigi kkundannat doppjament fuq l-istess reat.

**6.** Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tipprefiggi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista’ tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ta’ appell ma jidhlux f’ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eccessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat. Huwa l-kaz li jigi sottolineat ukoll li skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, ammissjoni bikrija mhux bil-fors jew dejjem, jew b’xi forma ta’ dritt jew awtomatikament, tissarraf f’riduzzjoni fil-piena.

**7.** Issa, mill-affidavit ta’ W.P.S. 152 S. Haber jirrizulta illi fit-18 ta’ Jannar 2011 ghall-habta ta’ l-10. 00 p.m. hi flimkien ma’ membri ohra tal-Korp tal-Pulizija kienu qeghdin jaghmlu *roadchecks* f’Dawret Hal-Ghaxaq, Hal-Ghaxaq, u waqqfu vettura numru JAN-483 li kienet misjuqa mill-appellant. Gie nnutat li l-licenzja mwahhla mal-*windscreen* kienet ilha skaduta mis-sena 2008 u meta l-appellant gie mitlub il-polza ta’ l-assikurazzjoni rrizulta li din kienet ukoll skaduta mill-2008. L-appellant gie ordnat johrog mill-vettura, huwa obda mill-ewwel u l-vettura ttiehdet go garaxx permezz ta’ *tow truck*.

**8.** Minn dawn il-provi jirrizulta ghalhekk li l-appellant inqabad *in flagrante* jsuq vettura minghajr licenzja mgedda u minghajr kopertura assikurattiva. Inoltre l-appellant joqghod Hal-Qormi u nqabad Hal-Ghaxaq; jigifieri kien saq distanza konsiderevoli bl-imsemmija

vettura. L-appellant, li jghid li jahdem bhala *driver*, suppost jaf bl-importanza li kull vettura li tinsaq tkun koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Bizzejjed jigi mfakkar hawnhekk x'konsegwenzi dizastruzi seta' jkun hemm li kieku l-appellant kien involut f'xi incident serju tat-traffiku waqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura.

**9.** Issa, is-subartikolu (2A) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"(2A) Kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati."**

Jigifieri l-perijodu ta' tnax-il xahar huwa perijodu tassattiv li jista' jitnaqqas biss ghal ragunijiet specjali. F'dan il-kaz ma jezistux ragunijiet specjali. Jekk ix-xoghol ta' l-appellant huwa *driver*, kellu jibza' ghal dak ix-xoghol billi josserva skrupolozament il-ligijiet li jistghu jincidu fuq dak ix-xoghol. Konsegwentement l-appell ma jimmeritax akkoljiment.

**10.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi bili tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li kemm il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija kif ukoll il-perijodu ta' skwalifika milli l-appellant ikollu jew jikseb licenzja tas-sewqan jibdew jiddekorru minn nofs-il lejl tallum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------